**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta’ Mejju 2022**

**Avviż Numru 201/2019**

**Doris Ellul**

**Vs**

**Anne Grech u Anthony Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi ppreżentat fid-19 ta’ Settembru 2019 li permezz tiegħu talbet lill-konvenuti jgħidu il-għaliex m’għandhomx ikunu kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsuha s-somma ta’ għaxart elef u tlett mitt Ewro (€10,300.00) rappreżentanti spejjeż mhux imħallsa minnhom fuq prodotti mixtrija mill-*grocer* “Doris Mini Maket”;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati permezz tal-proċedura kif maħsuba f’artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta baqgħu ma deherux quddiem din il-Qorti biex jikkontestaw il-kawża u lanqas ma ppreżentaw ebda risposta;

Rat l-affidavits ippreżentati mill-attriċi;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2022 il-konvenuti ma deherux;

Rat illi fl-istess seduta l-attriċi għalqet il-provi tagħha u għalhekk ai termini tal-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tat il-fakolta` lill-konvenuti jressqu nota ta’ sottomissjonijiet sat-30 ta’ Marzu 2022;

Rat illi l-konvenuti ma ressqu ebda Nota ta’ Sottomissjonijiet fit-terminu prefiss;

**Ikkunsidrat :**

Illi permezz ta' affidavit l-attriċi xehdet illi hija ilha diversi snin tiġġestixxi ħanut tal-merċa u li l-konvenuti kienu klijenti tagħha. Tispjega li għall-ħabta tal-2018 il-konvenuti bdew jixtru mingħandha pero` talbuha biex iżżommilhom kollox fuq kont peress li l-konvenut kien spiċċa bla xogħol u li kienu se jħallsuha tax-xirjiet meta l-konvenut isib xogħol. Madanakollu l-ħlas qatt ma sar minkejja li ġew interpellati anke b'ittra uffiċjali. Illi dan kollu ġie konfermat minn bint l-attriċi Sharimarya Ellul.

Illi l-provi mressqa mill-attriċi ma ġew bl-ebda mod kontestati mill-konvenuti. Kwindi fin-nuqqas ta' prova kuntrarja il-Qorti se tkun qiegħda tilqa' t-talba tal-attriċi.

**DECIDE**

**Għaldaqstant**, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti iħallsu *in solidum* lill-attriċi s-somma ta' ta' għaxart elef u tlett mitt ewro (€10,300) bl-imgħaxijiet legali fuq tali ammont sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk marbuta mal-ittra uffiċjali numru 1666/18 jkunu a karigu tal-konvenuti *in solidum*.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**